

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**ta' 1-1 ta' Ottubru 2007****li taħtar membru Ġermaniż u żewġ membri supplenti Ġermaniżi fil-Kumitat tar-Reġjuni**

(2007/651/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Ġermaniż,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Jannar 2006 l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE ⁽¹⁾ li taħtar il-membri u l-membri supplenti għall-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010,
- (2) Post ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara t-tmiem tal-mandat tas-Sinjura SPECKERT. Żewġ postijiet ta' membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni saru vakanti wara t-tmiem tal-mandat tas-Sinjura SPIESS u tas-Sinjura WISCHER,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2010:

(a) bħala membru:

— Is-Sur Reinhard LOSKE, Senator für Umwelt, Bau, Verkehr und Europa der Freien Hansestadt Bremen, li jibdel lis-Sinjura Sandra SPECKERT,

u

(b) bħala membri supplenti:

— Is-Sur Hermann KUHN, Mitglied der Bremischen Bürgerschaft (Landtag), li jibdel lis-Sinjura Iris SPIESS,

— Is-Sinjura Manuela MAHNKE, Mitglied der Bremischen Bürgerschaft (Landtag), li tibdel lis-Sinjura Christine WISCHER.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Luxembourg, 1 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

M. LINO

(1) ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.